**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 167,169,183,184 u 533 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:406/2006***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**KEVIN ATTARD**
**(ID 188869M)**

**JAMES STEWART VENEZIANI**
**(ID 500090M)**

**Illum 12 ta' Jannar , 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati:

**KEVIN ATTARD** ta' 36 sena, bin Joseph John u Imelda nee' Azzopardi, imwieled Sliema fis-7 ta' Mejju, 1969, u li joqghod Ciappetti, Triq il-Bies, Mensija, San Gwann, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 188869M; u

**JAMES STEWART VENEZIANI** ta' 31 sena, bin Anthony u Lourdes nee' Mangion, imwieled Eastburn, Gran Brittanja fl-14 ta' Awissu, 1974, u li joqghod f'Numru 33, Triq Santa Katerina, Gudja, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 500090M;

gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'Dicembru 2003, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer,

1. iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minnhom;
2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi

ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, Kevin Attard u James Stewart Veneziani akkuzati wkoll

3. talli fit-13 t' Ottubru 2003 u/jew f'xi data qabel, bil-koperazzjoni ta' xulxin xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza billi ssottomettew / jew ittolleraw li jigi sottomess lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti li bid-dehen taghhom kienu foloz f'dettall sostanzjali. Il-valur tal-merkanzija in kwistjoni kien ta' LM2,727.

Izda wkoll, meta jinstabu hatja, terz tal-piena ta' flus, jitqies fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni bhala dejn Civili u ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku inghata f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid taz-zewg imputati mmarkati bhala Dok. JA1 u Dok. JA2 a fol. 16 u 17 rispettivament, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Dicembru, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JA3 li jinsab a fol. 18, fedina penali taz-zewg imputati immarkata bhala Dok. JA4 u Dok. JA5 a fol. 19 u 20 rispettivament, Letter to Prosecute Dok. JA6 a fol. 21 u Dok. JA7 a fol. 22 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar it-28 ta' Jannar, 2008 xehed **Paul Dimech** li gie muri d-dokument Dok. JA 6 u kkonferma li din hija *letter to prosecute* mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana u ffirmata mill-istess Kontrollur tad-Dwana u gharaf il-firma tal-Kontrollur tad-Dwana fuq dana d-dokument. Gie muri d-dokument Dok. JA 7 u spjega li din hija talba mghmula mill-Kontrollur tad-Dwana maghmula ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u spjega li jaghraf ukoll il-firma tal-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istess dokument JA 7.

Illi nhar it-28 ta' Jannar, 2008 xehed l**-Ispettur Ian Joseph Abdilla** u spjega li nhar il-25 ta' Lulju, tas-sena 2004 il-Pulizija kienet irceviet

rapport minghand id-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta fejn dawn kienu nfurmawhom li nhar it-13 ta' Ottubru, tas-sena 2003 is-Sur Kevin Attard fil-kapacita' tieghu ta' Managing Director ta' Customs and Freight Agency Limited bin-numru ta' registrazzjoni C17475 kien allegatament dahhal ghand id-Dwana ta' Malta u ipproduca *export declaration* bin-numru 10862 li suppost kienet saret f'isem Kumpanija bl-isem Calypso Handcrafts Limited ta' Hal-Far. Ma' din id-dikjarazzjoni Attard kien ukoll issubmitja *invoice* li kienet iggib in-numru TS1002/03 datata 29 ta' Settembru, 2003, fejn kienet turi li din il-Kumpanija Calypso Handcrafts Limited kienet bieghet b'kemm jiswew sitt elef dollaru Amerikan ( USD$6,000) oggetti ddikjarati bhala *ceramic tableware* lil kumpanija bbazata gewwa r-Renju Unit liema kumpanija kien jisimha Analogue Devices Limited ta' Birmingham.

Fuq dawn iz-zewg dokumenti li kienu gew prezentati lid-Dwana ta' Malta mis-socjeta Customs and Freight Agency Limited nhar it-13 ta' Ottubru, 2003 kienet inharget dak li jissejjah Euro 1 certificate li kien jindika li dawn l-oggetti kienu allegatament originaw minn Malta u li ghalhekk kienu *exempt* mill-hlas ta' *customs duties* gewwa r-Renju Unit. Sussegwentement kien gie nnutat li l-VAT *number* ta' din il-kumpanija kien nieqes u s-Sur Attard kien intalab mid-Dipartiment tad-Dwana biex jissubmitja l-VAT ta' din il-kumpanija liema numru kien gie ukoll fornut lid-Dipartiment tad-Dwana xi zmien wara.

Wara dan l-incident id-Dwana skopriet dan li gej. In-numru tal-VAT li kien issubmitja s-Sur Kevin Attard bin-numru 1581 0303 ma kienx jezisti fir-*records* tad-Dipartiment tal-VAT. Il-kumpanija Calypso Handcraft Limited ta' Hal-Far ukoll ma kienitx registrata taht ir-Registru tal-Kumpaniji mal-Malta Financial Services Authority li minn informazzjoni li ngabret mid-Dwana minghand il-Malta Enterprise li qabel kienet l-MDC, irrizulta li l-ebda kumpanija bl-isem ta' Calypso Handcraft limited ma kellha xi fabbrika allokata gewwa Hal-Far. It-*telephone number* li kien hemm jidher fuq l-*invoice* u cioe' 21650908 kien jghajjat lil certu Mario Scerri minn Birzebbugia mentri l-*fax number* li kien hemm fuq din l-istess *invoice* u cioe' n-numru 21650981 kien jghajjat lil certu Carmel Schembri minn Birzebbugia ukoll.

Kien irrizulta ukoll li l-*container* li fuqu kienu inhargu id-dokumenti u cioe' l-*container* bin-numru TRVL777552-1 qatt ma dahal hawn Malta salv lil kien gie b' mod *in transit*. F' dan l-istadju x-xhud pprezenta dawn id-dokumenti li kienu gew prezentati gewwa d-Dwana ta' Malta w spjega n-natura taghhom.

Id-dikjarazzjoni li kienet giet prezentata mill-kumpanija ta' Kevin Attard, u cioe' mis-socjeta' Customs and Freight Agency Limited giet markata bhala Dok. JA 8. Fiha jidher car li l-kumpanija ta' l-*export* li kienet qed taghmel l-esportazzjoni barra minn Malta, kienet Calypso Handcrafts Limited Industrial Estates Hal-Far u l-kumpanija li kienet qed tixtri kienet Analogue Devices Limited gewwa Birmingham. Il-

*container* qieghed imnizzel ukoll fuq dan id-dokument. Ma' dan id-dokument kien hemm dokument iehor li gie markat bhala Dok. JA 9 li hija *Invoice* li allegatament giet mahruga mis-socjeta' Calypso Handcrafts Limited bit-*telephone* u l-*fax numbers* imsemmija fix-xhieda tieghu aktar 'il fuq liema invoice kellha valur ta' sitt elef US Dollar ( US$ 6,000).

Ipprezenta ukoll dokument iehor li gie markat bhala Dok. JA 10 li huwa l-*Euro One Certificate* bin-numru 384880 li id-Dwana ta' Malta kienet harget fuq l-oggetti, fuq id-dikjarazzjoni li saret mis-socjeta' Customs and Freight Agency Limited.

In segwitu' ghal dan il-*complaint* li l-Pulizija kienet irceviet mid-Dwana, huwa kien ghamel *meeting* mal-Customs Officer Joseph Gatt min-naha tal-Enforcement u tkellem mieghu dwar dan il-kaz. F'din il-laqgha kien gie stabbilit li l-*container number* TRVL7775522 kien fil-fatt gie Malta u kien gie *discharged* minn fuq il-*vessel* bl-isem ta' Makassar nhar it-22 ta' Settembru, tal-2003 gewwa l-Freeport ta' Malta. Kien inzamm hemmhekk bhala *container in transit* u sussegwentement kien gie mghobbi nhar id-9 ta' Ottubru, tas-sena 2003 abbord il-vapur bl-isem Marfret Province destinazzjoni Tilbury gewwa r-Renju Unit.

Is-Sur Gatt kien infurmah li hu kien diga' tkellem mas-Sur Attard fuq dan l-incident u s-Sur Attard kien informa lill-Awtoritajiet tad-Dwana li hu kien dejjem tkellem mal-klijenti tieghu fuq it-*telephone* u li hu

ma kienx *aware* mill-fatt li dawn id-dettalji kienu foloz. Sussegwentement wara li ghamlu din l-investigazzjoni preliminari, nhar is-16 t'Ottubru, tas-sena 2004 ix-xhu kien tkellem fit-tul ma' Kevin Attard fil-kapacita' tieghu ta' General Manager tas-socjeta' Customs and Freight Limited u kien talbu jghaddilu d-dokumenti kollha necessarji fir-rigward tal-*container* TRVL7775522, u fil-fatt is-Sur Attard kien ghamel dan kif mitlub minnu. Dawn id-dokumenti huwa pprezentahom f'*envelope* issigillat li kien issigilla hu bil-firma tieghu flimkien mal-firma ta' l-imputat li huwa gharfu prezenti fl-Awla bhala is-sur Kevin Attard. Dawn id-dokumenti gew prezentati u mmarkati bhala JA 11.

Is-Sur Attard kien spjegalu li huwa kien gie notifikat mill-Kumpanija JW Parnis England li kienu l-agenti tal-vapur Makassar li l-*container* in kwistjoni kien wasal Malta u li huma kellhom *instructions* li jinnotifikaw lilu bhala il-*forwarding company*. Dan ghaliex il-*consignee* ghal dan il-*container* kien *on order* u li ghalhekk is-Sur Attard kien qed jidher ghal dan il-*container*. In fatti kienu ukoll tawh il-*bill of lading*. Sussegwentement is-Sur Attard kompla jispjegalu li nhar id-29 ta' Settembru kien ircieva *instructions* permezz ta' *fax* minghand certu Jan Wung Sung ghan-nom ta' kumpanija li kien jisimha New Eastern 1971 PTE Limited ta' Singapore fejn dan kien talbu biex il-*container* in kwistjoni jaqilbu bhala *transhipment* u jibghatu ghand certu kumpanija ir-Renju Unit bl-isem ta' Analogue Devices Limited ta' Birmingham. Mill-*fax instructions* kien jidher, skond is-Sur Attard, li din il-kumpanija ta' Singapore kellha xi

diffikultajiet finanzjarji mal-kumpanija Maltija bl-isem ta' Calypso Handcrafts ta' Hal-Far u ghalhekk kien minhabba dawn id-diffikultajiet finanzjarji li din il-kumpanija talbet lill-kumpanija Maltija biex tibghat lil dan il-*container* ir-Renju Unit.

Ix-xhud zied li sussegwentement fis-16 t'Ottubru, 2004 huwa kien ha stqarrija lil Kevin Attard. Din l-istqarrija gietipprezentata u mmarkata bhala Dok. JA 12. F'din l-istqarrija ta' tliet faccati huwa gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' PS 494 Gordon Borg u gharaf ukoll il-firma ta' Kevin Attard u gharaf lil Kevin Attard bhala l-istess imputat li rrilaxxa din l-istqarrija. Din l-istqarrija kienet ittiehdet lill-imputat wara li Attard kien inghata twissija skond il-Ligi u zied jikkonferma li l-imputat Attard irrilaxxa l-istqarrija b'mod volontarju.

Sussegwentement wara li kien tkellem mas-Sur Attard huwa kompla jinvestiga dan il-kaz u kien ghamel kuntatt mal-kumpanija tal-vapur u cioe'mas-socjeta Parnis England fejn dawn kienu kkonfermawlu li huma kienu l-agenti ta' dan l-istess vapur li kien wasal hawn Malta u li kellhom *instructions* biex jinnotifikaw lis-Sur Attard meta dan il-vapur jasal Malta. Sussegwentement kien talabhom jaghtuh spjegazzjoni ghalfejn l-imputat Attard kien sussegwentement ikkuntatjahom biex johorgu *bill of lading* gdid fejn juru li x-*shipper* kien Calypso Handcrafts Limited u jghid li huma wegbuh li mxew skond l-*instructions* li kienu rcevewhom minghand Attard.

Finalment huwa kien ukoll mar id-Dwana biex jiccekkja ftit kif kienet tahdem din is-sistema u skopra li d-Dwana zzomm registru ta' dawk il-*Euro One Certificates* li tohrog u skopra li l-Kumpanija Customs and Freight kienet xtrat ghoxrin *Euro One Certificate* li kienu jgibu n-numru minn 384880 sa 384889 u dawn il-*Euro One Certificates* (li allura il-*Euro One Certificate* li huwa pprezenta kien wiehed minnhom) kienu effettivament inghataw lill-kumpanija in kwistjoni. Dawn il-*Euro One Certificates* kien effettivament applika ghalihom is-Sur James Stewart Veneziani li x-xhud gharaf prezenti fl-Awla. Ipprezenta *photocopy* li ha huwa stess mir-Registru li jinzamm gewwa d-Dwana ta' Malta. F'dan ir-registru jidher li l-*Euro One Certificates* minn *batch* 384880 sa 384889 kienu nbieghu ghall-prezz ta' lira Maltija lil James Stewart Veneziani. Din il-kopja ta' Registru li ghamel fotokopja taghha huwa stess iggib il-pagna 69. Din giet pprezentata u mmarkata bhala Dok. JA 13.

Sussegwentement huwa kien baghat ghal James Stewart Veneziani fejn kien tkellem mieghu fit-tul. Dan ukoll irrilaxxa stqarrija fejn meta gie muri d-dokumenti kollha, hu kien qallu li hu kien jircievi dawn id-dokumenti mill-*boss* tieghu, u cioe' Kevin Attard u li ma kienx jaf u ma setax jaghtih konferma jekk dawk id-dokumenti effettivament ipprezentahomx hu jew li kien hu li gabarhom. Huwa pprezenta l-istqarrija li rrilaxxa James Stewart Veneziani li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Din l-istqarrija giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. JA 14. Stqarrija ta' zewg faccati li huwa ha nhar it-22 ta' Ottubru, tas-sena 2004, f' liema stqarrija huwa gharaf il-

firma tieghu, il-firma ta' PS 494 Gordon Borg bhala xhud tal-istqarrija u gharaf ukoll il-firma ta' James Stewart Veneziani bhala l-ko-akkuzat prezenti fl-Awla. Din l-istqarrija kienet ittiehdet lil James Stewart Veneziani wara li s-Sur Veneziani kien inghata twissija skond il-Ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju.

Qal li sussegwentement huwa kien rega' baghat ghal Kevin Attard fejn dan irrilaxxa t-tieni stqarrija u fejn kien talbu jispjega ghalfejn kien hemm *Euro One Certificate* mahrug mill-kumpanija tieghu meta hu kien jaf li l-*container* in kwistjoni kien *in transit* u qatt ma dahal gewwa Malta izda baqa' in transit u li ghalhekk ma kienx rikjest li jorog l-*Euro One Certificate*.

Is-Sur Attard ma setax jaghtih spjegazzjoni ghalfejn il-*Euro One documentation* kienet b'dan il-mod. Din it-tieni stqarrija li huwa ha lis-Sur Kevin Attard ipprezentaha u giet markata bhala Dok. JA 15. Din l-istqarrija li pprezenta bhala Dok. JA 15 datata 22 ta' Ottubru, tas-sena 2004 fiha zewg faccati u fuqha gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' PS 494 Gordon Borg xhud tal-istqarrija. Gharaf ukoll il-firma ta' Kevin Attard u gharaf lil Kevin Attard bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Il-firma ta' Kevin Attard gharafha fuq iz-zewg faccati ta' din l-istqarrija. Din l-istqarrija s-Sur Attard kien irrilaxxaha b'mod volontarju wara li s-Sur Attard kien inghata t-twissija skond il-Ligi.

Imbaghad kompla li mill-investigazzjoni li huma ghamlu, kien jidher car li min ghamel din il-bicca xoghol kien jidher li jaf perfettament is-sistema tad-Dwana kif tahdem.

Illi nhar is-7 ta' Novembru, 2014 in kontro ezami rega' xehed l-**Ispettur Ian Abdilla** u spjega li huwa minnu illi waqt l-investigazzjoni li huwa hejja in konnessjoni ma' dan il-kaz kien ha *sample* tal-kitba tal-imputat Attard. Mistoqsi jekk effettivament il-kitba fuq id-dokument esebit fl-atti a fol. *thirty five* (35) u cioe' l-*export declaration* form hiex miktuba mill-imputat wiegeb illi ma jiftakarx. Mistoqsi jekk ghandux xi prova li effettivament kien hu li kitibha, spjega li l-provi li ghandu huma dawk li jirrizultaw mill-atti. Mistoqsi jekk elevax xi *computer* in konnessjoni ma' dan il-kaz stqarr li ma jiftakarx lanqas. Mistoqsi jekk sabx xi *typewriter* fl-ufficcju tal-imputat Attard wiegeb li ma jidhirlux. Ammetta li huwa minnu illi safejn jiftakar hu l-imputat Attard kien ghaddielu d-dokumentazzjoni kollha li kien ircieva minghand Parnis England in konnessjoni ma' dan il-kaz. Mistoqsi jekk ghandux xi prova li d-dokumentazzjoni mghoddija lilu minn Attard kinitx falza jew le, spjega li ma jidhirlux li ghandu. Stqarr li jirrizulta effettivament mill-*emails* esebiti fl-atti li effettivament Bali Seament Shipping kien diga' kellha xi negozju ma' Calypso Handycrafts u jekk m'huwiex sejjer zball huwa ukoll kien tkellem ma' ta' Parnis England. Oltre dan hu ma ghamel l-ebda nvestigazzjoni fuq dawn l-*emails* u ma kellux ghalfejn jiddubita l-kontenut ta' dawn l-*emails* fl-investigazzjoni tieghu. Mistoqsi jekk

huwa dahalx fil-kontenut tal-*emails* li gew skambjati bejn Adrian Fenech u l-imputat Kevin Attard partikolarment dawk datati tlieta (3) ta' Ottubru, *two thousand and three* (2003) spjega li huwa f'dik il-kwistjoni ma dahalx ghaliex huwa l-investigazzjoni kienet tinteressah biss rigwardanti dawk il-formoli u li gew prezentati lid-Dwana. Mistoqsi jekk kienx dahal fil-procedura tad-Dwana spjega li iva kien dahal.

Tenna li jekk huwa minnu illi l-*container* in kwistjoni kien *in transit* id-dokument esebit fl-atti a fol. *thirty five* (35) datat tlettax (13) ta' Ottubru, *two thousand and three* (2003) kien inutli u dan ghaliex l-iskop tal-*Euro One Certificate* esebit a fol. *thirty seven* (37) kien biex jindikaw illi dawn l-oggetti originaw minn Malta. Huwa konxju mill-fatt illi l-*container* in kwistjoni una volta baqa' *in transit* hawn Malta qatt ma gie miftuh u dan jirrizulta ukoll mill-*bill of ladings* tant illi hemm indikat is-*seal number* u ghalhekk in-numru tal-*container* li dahal fuq il-*bill of lading* baqa' l-istess. Fil-fehma tieghu il-hlas kollu rigwardanti dan il-*bill of lading* sar kollu mill-Calypso Handcrafts biex fid-*destination* ma jithallas xejn.

Zied li l-*container* tassew li kien *in transit* pero' id-dokumentazzjoni li kienu se jircievu l-awtoritajiet Inglizi abbinata mal-*container* kienet tindika li x-xoghol kien gej minn Malta. Fil-fehma tieghu l-awtoritajiet Inglizi kienu jaraw id-Dok. a fol. *thirty five* (35), *thirty six* (36), *thirty seven* (37) kif ukoll il-*bill of lading*. Qal li huwa minnu li

rrizultalu li effettivament dawn id-dokumentazzjoni gew ipprezentati meta l-vapur kien diga' telaq minn Malta.

Illi nhar it-28 ta' Jannar, 2008 xehed **PS494 Gordon Borg.** Gie muri dokument JA 12 li hija stqarrija ta' l-imputat Kevin Attard datata 16 ta' Ottubru, 2004. Ikkonferma li huwa kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Ikkonferma ukoll li gharaf l-imputat prezenti fl-Awla u li kien hu li rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju wara li nghata t-twissija skond il-Ligi. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla kif ukoll tal-istess Kevin Attard li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. Gie muri d-dokument JA 14 li hija stqarrija ta' l-imputat James Stewart Veneziani li gharfu prezenti fl-Awla u hija datata 22 ta' Ottubru, 2004. Ikkonferma li hu kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija wkoll.

Ikkonferma li l-imputat James Stewart Veneziani rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju wara li nghata twissija skond il-Ligi. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla kif ukoll tal-istess James Stewart Veneziani li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. Gie muri d-dokument Dok. JA 15 u spjega li din hija stqarrija ohra tal-imputat Kevin Attard datata 22 ta' Ottubru, 2004. Ikkonferma li huwa kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Ikkonferma ukoll li l-imputat Kevin Attard li gharfu prezenti fl-Awla rrilaxxa din l-istqarrija b'mod

volontarju wara li nghata twissija skond il-ligi. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla kif ukoll tal-istess imputat Kevin Attard li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Illi nhar il-25 ta' Gunju, 2008 xehed **Salvatore Grima** u spjega li huwa jahdem fid-Dipartiment tad-Dwana. Spjega illi fil-perjodu bejn Gunju u Dicembru, 2003 kien jahdem fis-*section* tal-Customs Economic Seizure Unit tad-Dwana. Spjega li fost id-dmirijiet li kellu waqt li kien jahdem f' dan id-Dipartiment kien hemm dak illi jipprocessa dokumenti tal-*exports*. Spjega illi fir-rigward ta' dan il-kaz jiftakar li kien gie rapprezentant ta' Kevin Attard biex jipprocessa dokument ghall-*export* u waqt illi skrivana tad-Dwana kienet qeghda tipprocessa d-dokumentazzjoni relattiva ndunat illi d-deskrizzjoni tal-oggett li kien ser jigi esportat kienet indikata bhala *giftware*. Jghid li din il-kwistjoni qamet quddiem ir-rapprezentant tas-sur Kevin Attard li huwa s-Sur Veneziani . Jghid li peress illi d-deskrizzjoni tal-oggett li kellu jigi esportat kien indikat bhala *giftware* huma kellhom ukoll jaraw il-klassifikazzjoni ta' tali *giftware*. Allura s-Sur Veneziani cempel l-ufficcju tieghu biex huma jaraw sew x'kien l-oggett. Dana ghaliex hemm differenza bejn per ezempju *giftware* u iehor bhall-hgieg u ceramika. Ikkonferma li wara li gie konfermat bit-*telephone* li dina l-*giftware* kienet tikkonsisti f'ceramika sabu t-tariffa t-tajba li hija Chapter 69. Peress ukoll li ma kienx hemm il-VAT *number* imnizzel fuq id-dikjarazzjoni nghataw il-VAT *number* fuq it-telefon li huwa n-numru 1581030P.

Fuq din id-dikjarazzjoni kien hemm ukoll indikat illi l-prodott li kellu jigi esportat kellu origini Maltija u kien hemm isem ta' kumpanija Maltija Hal-Far u precizament Calypso Handcrafts. Spjega li peress illi allura l-oggett kien certifikat li kien Malti, l-applikant applika ghall-*Euro One Certificate* peress li dak iz-zmien Malta ma kienitx ghadha parti mill-Unjoni Ewropeja izda kellha *free trade agreement* permezz ta' dan ic-certifikat, fejn meta il-prodott jkun Malti ma jkunx hemm dazju dovut meta l-prodott jidhol fl-Ewropa. F'dan il-kaz il-prodott kien sejjer l-Ingilterra allura ma kienx ser jithallas dazju a bazi ta' dan ic-certifikat. Gie muri ukoll id-dokumenti esebiti fl-atti markati bhala Dok. JA 8, JA 9 u JA 10 rispettivament li jinsabu a fol. 35 et seq u qal li kien qed igharaf id-dokument JA 8 bhala l-*export document*. Spjega li ma' dana d-dokument Dok. JA 8 wiehed ikun obbligat jipprezenta *supporting document* u f'dan il-kaz huwa l-*invoice* esebita u markata bhala Dok. JA 9 fejn fuqha hemm l-isem ta' l-esportatur u ghand min sejjer ix-xoghol u d-deskrizzjoni tal-affarijiet oltre il-valur. Spjega illi Dok. JA 10 hija l-applikazzjoni ghall-*Euro One* peress li l-prodott kellu jkun ta' origini Maltija. Id-Dok. JA 10 hija l-applikazzjoni ghall-hrug tac-certifikat tal-*Euro One*.

Spjega li c-certifikat li jinhareg, u cioe' dak ta' *Euro One* jmur mal-prodott. Il-process kollu dak iz-zmien sar manwalment izda in segwitu' kollox jiddahhal fis-sistema elettronika. Ghalhekk ikkjarifika li l-ewwel il-process tal-ipprocessar tad-dokumentazzjoni sar manwalment imbaghad f'perjodu sussegwenti kollox gie mdahhal

fis-sistema elettronika. Qal li meta gew biex idahhlu id-dokumentazzjoni fis-sistema elettronika l-VAT *number* ma setax jidhol u rrizultalhom li dana l-VAT *number* ma kienx jezisti, skond informazzjoni li gie moghti lilu mill-VAT Department.

Spjega ukoll li peress li fuq il-formola kien hemm indirizz Hal-far huwa iccekja mal-Malta Enterprise dwar dan l-indirizz u irrizulta li ma kien xejn. Anke dwar it-*telephone number* fuq l-*invoice* kien iccekkja billi kien cempel fuq dan in-numru u kienet wegbitu mara u qaltlu li dik kienet dar privata. Allura l-konkluzjoni li waslu ghaliha hi li kien hemm informazzjoni li ma kienitx genwina. Kien ukoll irrizultalhom fil-fatt illi l-*container* kien gie minn barra mill-Ewropa u precizament kien gie mic-Cina. Kien qieghed gewwa l-Freeport u dana minghajr ma dahal Malta kien tghabba fuq vapur biex imur l-Ingilterra u dana b’ referenza ghall-*container* numru TRVL7775522.

Huwa mbaghad informa lill-awtoritajiet Inglizi biex ic-certifikat *Euro One* bin-number 384880 skond Dok. JA 10 jigi revokat. Gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk l-awtoritajiet Inglizi kienux infurmawhom illi dana l-*container* kienx inzamm jew le spjega illi ma jafx. Dwar *enquiries* rigwardanti l-kontenut ta’ dan il-*container*, stqarr li huwa personalment m’ghamilx. Spjega li gharaf liz-zewg imputati prezenti fl-Awla u jghid li kien l-imputat Veneziani li ha d-dokumentazzjoni ghall-ipprocessar fid-Dipartiment taghhom. Spjega illi lill-imputat Attard kien kellmu telefonikament biex itihom il-VAT *number* u kien hu li tahom l-VAT *number*. Spjega ukoll li lilu l-imputat Attard kien

qallu li d-dokumentazzjoni kien imliha f'isem persuna ohra precizament f'isem Rennie Borg. Spjega li Attard kien qallu li meta hu kien cempel fuq *mobile number* biex jaqbad lil dana Rene Borg, ma rnexxilux jaqbdu. Spjega li huwa jahdem regolarment mal-imputat Attard u ghalhekk meta kellmu fuq it-*telephone* gharaf il-vuci tieghu u kien jaf li qed jitkellem mieghu.

Illi nhar is-7 ta' Novembru, 2014 xehed in kontro ezami **Salvatore Grima** u spjega li huwa minnu illi meta jigi prezentat *export declaration* dana jigi prezentat lill- ufficjal iehor tad-Dwana u mhux lilu li jahdem fl-Export Processing Unit li tinsab fl-istess *section* tal-Customs Economic Seizure Unit. Spjega li kien hemm zmien meta l-ufficini in kwistjoni kienu differenti. Illum il-gurnata ma jistax jghid ezattament dak iz-zmien kif kienu l-ufficini u ghalhekk stqarr li d-Difiza hija korretta meta tghid illi l-*export declaration* li tinsab esebita fl-atti markata bhala dokument JA 8 a fol. *thirty five* (35) ma gietx mghoddija direttament lilu. Huwa minnu illi kellhom jistabbilixxu fiex kien jikkonsisti dan il-*gift ware* msemmi f'din il-formola. Jiftakar illi l-ufficjal in kwistjoni, Michelle Rita Vella, kienet staqsiet lilu w hu qalilha li ma setghux jaccettaw din il-formola ghaliex kienet vaga, dan ghaliex maghha kellu jkun hemm relatat l-HS *number*. Din il-verifika kienet qed issir waqt li d-dokument in kwistjoni kien qed jigi processat. Mistoqsi jekk kienx hu li ghamel din it-telefonata ghal din il-verifika spjega li onestament ma jiftakarx. Mistoqsi jekk it-telefonata li kien ghamel is-Sur Veneziani saritx mill-ufficcju tieghu jew fil-prezenza tieghu spjega li onestament ma jiftakarx, pero'

jidhirlu li jista' ikun li kienu fl-istess ufficcju u spjega li effettivament kienet Michelle Vella li kitbet kemm fuq id-*declaration form* kif ukoll fuq il-*Euro Certificate* l-kliem *ceramic tableware*. Ghalkemm jista' ikun li ma kienx prezenti zgur pero' li kien jaf b'dak li kien ghaddej.

Meta huwa qal li gie mistoqsi jekk setghux jipprocessaw din id-*declaration form* ried ifisser proprju dak il-hin u cioe' wara li raw illi d-deskrizzjoni kienet qeghda tajba, w l-HS Code jaqbel, ghalhekk dak il-hin deherlu li ma kienx hemm problemi. Ix-xhud qal li lil Kevin Attard l-imputat odjern, ilu jafu sahansitra minn qabel is-sena 2003. Huwa jafu fil-kors tieghu tad-Dwana u x-xoghol li jaghmel in konnessjoni mad-Dwana.  Qal li jaf li s-Sur Attard ghandu diversi xoghol in konnessjoni mad-Dwana. Mistoqsi jekk kienx jaf li effettivament l-imputat Kevin Attard kienx jaghmel xoghol ghall-Calypso t'Ghawdex spjega illi dwar dan ma jafx. Saritlu referenza ghax-xhieda tieghu proprju ghall-fatt meta huwa qal li ma setghux idahhlu l-VAT *number* fis-sistema elettronika taghhom. Mistoqsi kemm effettivament wara rrizultalu li dan il-VAT *number* ma kienx jezisti spjega illi effettivament kien nesa.

Spjega li qabel ma kien hemm l-*accession* is-sistema elettronika ma kienitx tiffunzjona kollha ghalhekk il-process kien illi d-*declaration* issir manwali kif jirrizulta li sar f'dan il-kaz u wara d-*data input operators* jinputtjaw l-informazzjoni u huwa kien sar jaf li dan il-VAT *number* ma jezistix xi ghaxart (10) ijiem wara proprju waqt li kien qed isir l-*input procedure*. Meta sar jaf li ma setax jidhol dan il-VAT

*number* cempel lis-Sur Attard u qallu li dak huwa n-numru u li fil-fatt qallu ukoll li dak in-numru kien gie moghti lilu mill-*exporter*. Ghalhekk din it-telefonata mal-VAT saret bejn wiehed u iehor ghaxart ijiem wara li kienet giet ipprezentata d-*declaration*. Huwa lis-Sur Attard kien qallu li jista' ikun li n-numru li kien tah tal-VAT ma kienx tajjeb u Attard kien qallu li kien se jerga' jcempillu. Fil-fatt rega' cempel u jidhirlu li kien qallu li s-Sur Rennie Borg ma kienx qabdu. Mistoqsi x'konnessjoni hemm bejn Rennie Borg u l-VAT *number* spjega illi ma jafx. Rennie Borg gie msemmi lilu mill-imputat Attard u huwa fehem ghalhekk li s-Sur Attard kien ha jcempel lil dan Rennie Borg biex jivverifika jekk in-numru tal-VAT li kellu kienx tajjeb jew le.

Mistoqsi kif kienet il-procedura dakinhar u cioe' jekk *container* jigix ivverifikat skond id-dokumentazzjoni esebita, spjega li m'ghandux amment kif kienet il-procedura dakinhar. Sostna li huma ma joqoghdux jiccekjaw effettivament id-*declaration form* fis-sens tal-kontenut taghha jekk dak li hemm miktub fil-fatt ikunx verament fil-*container* jew le.

Illi nhar il-25 ta' Gunju, 2008 xehed **Joseph Naudi** Principal fis-Segretarjat tad-Dwana. Spjega illi jaf u qed jaghraf liz-zewg imputati prezenti fl-Awla. Jghid illi huwa kellu struzzjonijiet mill-Principal tieghu biex jikteb ittra lill-Kumpanija Customs Agency kif fil-fatt ghamel u esebixxa vera kopja ta' dina l-ittra li giet markata bhala Dok. JNO 1. Spjega illi huwa kien gie ordnat biex jibghat dina l-ittra peress

li kienu nstabu xi diskrepanzi minn investigazzjoni li ghamlet id-Dwana. Huwa kien ircieva *by hand* ittra bi twegiba ghall-ittra li baghat hu. Dina l-ittra li rcieva ghaddiha lid-Direttur li dak iz-zmien kien Joseph Galea Maucieri.

In kontro ezami spjega li l-ittra illi huwa baghat u li kopja taghha hija esebita bhala Dok. JNO 1 baghatha lil Mr Kevin Attard fl-indirizz Customs Agency, 23, Valletta Hill, Valletta skond l-istruzzjonijiet li kellu hu.

Illi nhar il-25 ta' Gunju, 2008 xehed **Joseph Gatt** u spjega li huwa Spettur id-Dwana mal-Enforcement Unit. Spjega illi jaf lill-imputati Kevin Attard u James Stewart Veneziani u kien qed jaghrafhom prezenti fl-Awla. Fir-rigward tal-kawza odjerna l-inkarigu tieghu kien li jiehu ittra minghand is-Sur Joseph Naudi mid-Dipartiment tad-Dwana u jghaddiha *by hand* lill-imputat Kevin Attard peress illi s-Sur Joseph Naudi kien diga' baghat ittra bil-posta lil Kevin Attard u ma kienx ha risposta. Spjega illi l-ittra kienet tinkludi numru ta' mistoqsijiet fuq investigazzjoni li kienet ghamlet id-Dwana u li kienet tikkoncerna dikjarazzjoni ta' esportazzjoni li kienet qeghda ggib bhala esportatur lis-socjeta' Calypso Handcrafts Limited. Spjega illi l-ittra wassalha lill-imputat Kevin Attard. Staqsih il-ghala ma kienx irrisponda ghall-ewwel ittra li kienet intbaghatitlu u qal li huwa kien irrisponda u qal li jekk itih cans isiblu l-ittra li kien baghat hu bhala risposta. Fil-fatt xi gimgha wara Kevin Attard ghaddielu l-ittra li kien diga' baghat bhala twegiba. Ma' din l-ittra kien hemm imwahhla *fly*

*note* li kienet tindika li l-ittra kienet waslet *by hand* fl-ufficcju tas-Sur Joseph Naudi. Spjega li meta huwa ha din l-ittra lis-Sur Joseph Naudi dan qallu li dik l-ittra qatt ma kien raha qabel u fil-fatt bhala timbru ta' meta irciviha ghamel id-data ta' meta huwa wassalhielu. Huwa bhala Enforcement Officer ma kienx ghamel investigazzjoni fuq dan il-kaz. L-investigazzjoni kienet diga' saret.

Illi nhar il-25 ta' Gunju, 2008 xehed **Adrian Fenech** u spjega li huwa Manager mal-Kumpanija WJ Parnis England. Huwa intalab ighid meta l-*container* numru TRVL7775522 kien wasal Malta. Spjega li dwar dina d-domanda huwa m'huwiex f' pozizzjoni li jirrispondi ghaliex dan il-*container* ma kienx mar maghhom. Spjega illi l-*container* lanqas huwa taghhom. Spjega li kien gara hu illi l-klijent u cioe' s-socjeta' Calypso Handcrafts Limited kienet talbithom biex jibaghtu *container* bin-numru TRVL7775522 l-Ingilterra. F'dan ir-rigward esebixxa dokumentazzjoni li giet esebita u mmarkata bhala Dok. AF 1. Skond ir-*records* taghhom dan il-*container* kien gie xxipjat l-Ingilterra fid-9 ta' Ottubru, 2003. Huwa ghamel verifiki ukoll mal-Freeport u dawna kienu kkonfermawlu illi l-*container* kien telaq fid-data li semma' u li kien telaq mal-vapur imsejjah Freight Province. Rigwardanti dan il-fatt huwa esebixxa dokument li gie markat bhala Dok. AF 2. Spjega li in kwantu ghal dokument AF 1 dana jindika li l-kontenut tal-*container* kien qieghed ghal *re-export*. Ghalih t-terminologija *re-export* tfisser li x-xoghol kien ser jerga' jitlaq. Esebixxa ukoll kopja tal-*invoice* li git markata bhala Dok. AF 3.

Illi nhar is-16 ta' Jannar, 2009 xehed **Adrian Fenech** riprodott u spjega li huwa Manager mal-Kumpanija W J Parnis England. Ghamel referenza ghal dak li huwa xehed fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2008 f'din il-kawza u spjega illi huwa sussegwentement wara verifiki li ghamel qieghed f'pozizzjoni li jipprezenta dokument rigwardanti hlas dwar *shipment* li kien sar fuq *container* ixxipjat l-Ingilterra fid-9 ta' Ottubru, 2003 u dan kien mar fuq il-vapur Marfred Provence. Hawnhekk huwa xtaq jaghmel referenza ghat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li huwa ta fil-25 ta' Gunju, tas-sena 2008 u b'referenza a fol. 63, fejn hemm miktub Freight Provence, dana ghandha tigi taqra Marfred Provence. Rigwardanti l-hlas ghax-xipment tal-*container number* TRVL7775522 jirrizulta li dan il-hlas kien sar *cash*, ghan-nom tal-Kumpanija Calypso Handcrafts Limited, pero' ma jafx min kien gab dawn il-flus *cash* biex isir dan il-hlas. Huwa spjega li qieghed f'pozizzjoni li jesebixxi kopja tad-*deposit* tal-bank li huma kienu ghamlu. Dan id-deposit sar fl-*account* taghhom rigwardanti il-hlas imsemmi. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. EFT 1.

Illi nhar is-26 ta' Settembru, 2008 xehdet **Charmaine Galea Triganza** in rapprezentanza tal-kumpanija Go. Giet murija d-dokument Dok. JA 9 li jinsab a fol. sitta u tletin (36) tal-Process. B'referenza ghad- Dok. JA 9 spjegat li in kwantu ghal numru indikat u bin-numru 00356 21650980 li jidher li huwa numru ta' telefown, u n-numru l-iehor 00356 21650981 li huwa indikat bhala *fax*, spjegat li

dawn z- zewg (2) *telephone numbers* jghajtu in kwantu ghan-numru 356 21650980 lil Mario Xerri u qieghed installat gewwa Villa Cassar, 42, Triq San Dwardu, Birzebbugia u b'referenza ghan-numru l-iehor indikat bhala *fax* u cioe' n-numru 356 21650981 dan jghajjat lil Carmel Schembri, numru erbghin (40), Triq iz-Zurrieq, Birzebbugia.

Illi nhar is-26 ta' Settembru, 2008 xehed **Adrian Mallia** in rapprezentanza tal-Free Port Terminal. Spjega illi skond ir-rekords taghhom, in kwantu ghall-container numru TRVL 7775522 jirrizultalhom li dana l-container nizel fuq it-*terminal* taghhom fit- 22 ta' Settembru,2003 fis-sebgha u tnax (7.12) -il minuta ta' filghaxija. Dana l-*container* nizel minn fuq il-vapur SMAGCM.

Spjega wkoll il-movimenti ta' dan il-container, fejn qal ighid li dan kien mexa minn *terminal two* (2) u gie *discharged* ghall-*terminal one* (1) u eventwalment tghabba fid-9 ta' Ottubru,2003 fuq il-vapur MARFRED PROVANCE. Spjega li l-container gie *discharged* bhala *local u* li kien destinat ghall-APL li hija kumpanija barranija. Zied pero' li fejn tkun id-destinazzjoni finali, lokalment huma ma jkunux jafu.

Spjega illi skond ir-rekords li ghandhom dan il-container qatt ma hareg mill-Free Port. Xtaq jispjega illi fis-6 ta' Ottubru, 2003 huma rcevew informazzjoni sabiex dana l-container jinbidel mil-linja APL ghal Shippers' Own u biex il-kategorija ta' dan il-container tinbidel minn *import* ghal *transhipment*.

Esebixxa dokumenti dwar dan li xehed illum li gew esebiti u mmarkati bhala Dok. AMF 1.

Illi nhar is-16 ta' Jannar, 2009 xehed **Paul Scicluna** fil-kariga tieghu ta' Spettur tal-VAT u nkarigat mill-ufficcju Legali fid-Dipartiment tal-VAT. Spjega illi huwa gie mitlub jivverifika lil min jappartjeni il-VAT *registration number* 15810303 u dan b'referenza ghad-dokument li jinsab a fol. 35 tal-Process li huwa esebit bhala Dok. JA 8. Minn verifiki li ghamel personalment, u dan wara li kien inghata l-permess mill-Prim Ministru fit-30 ta' Settembru, tas-sena 2008, qal li rrizultalu li l-VAT *registration number* 15810303 ma jappartjeni lil hadd.

Illi nhar is-16 ta' Jannar, 2009 xehdet **Dr. Claudette Fenech** li ddikjarat li hija Legal Officer mar-Registry of Companies mal-MFSA. Hija gie mitluba sabiex taghmel verifiki biex tara jekk il-Calypso Handcrafts Limited hijiex registrata mal-MFSA u dana b'referenza ghal dokumenti li jinsabu esebiti fl-atti ta' din il-kawza u cioe' ghal Dok. JA 8 li jinsab a fol. 35 tal-Process, Dok. JA 9 li jinsab a fol. 36 tal-Process u Dok. JA 10 li jinsab a fol. 37 tal-Process. Spjegat li mir-ricerki li ghamlet hi personalment jirrizulta illi Calypso Handcraft Limited prezentement m'hijiex registrata mal-MFSA. Spjegat li dana tista' tghidu b'certezza, cioe' li mill-perjodu 1994 lil hawn ma kien hemm l-ebda kumpanija Calypso Handcrafts Limited registrata mal-MFSA.

Illi nhar is-16 ta' Jannar, 2009 xehdet **Daniela Aquilina** u spjegat li hija rapprezentanta tal-Malta Industrial Parks li hija entita' tal-Gvern u tiehu hsieb fabbriki li jkunu jinsabu fiz-Zoni industrijali. Huma gew mitlubin sabiex jaghmlu verifiki relatati mad-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 35-37 tal-atti rigwardanti kumpanija bl-isem Calypso Handcrafts Limited ta' Industrial Estate Hal-Far Limited, partikolarment jekk id-Dipartiment taghhom allokax xi fabbrika ghal tali kumpanija b'tali isem. Ix-xhud spjegat li mill-verifiki li ghamlet personalment ma jirrizultax li kien hemm xi allokazzjoni mid-Dipartiment taghhom ghal xi fabbrika bl-isem ta' Calypso Handcrafts Limited.

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehed **Joseph Bowman** u spjega li hu ghamel zmien jahdem ma' WJ Paris England. Ikkonferma li Adrian Fenech illum-il gurnata m'ghadux jahdem ma' WJ Paris England. Gie muri d-dokument JA11 esebit fl-atti a fol. 38 b'mod partikolari *email* datat 3 ta' Ottubru, 2013, mibghuta minn Adrian Fenech lil Kevin G. Attard u kkonferma li din l-*email* harget mill-ufficju taghhom WJ Paris England. Ikkonferma illi l-*emails* li jsegwu din l-istess *email* gew mibghuta kollha mill-ufficcju ta' Adrian Fenech. Spjega li minn informazzjoni li ghandhom dan il-*container* kien jinsab Malta u kienu talbuhom biex huma jixxipjawh lejn l-Ingilterra. Ix-shipper talabhom biex jibghatuhulu l-Ingilterra u hekk effettivament ghamlu. Ma jirrizultalux jekk effettivament dan il-*container* wasalx l-Ingilterra jew kellhomx xi talba li dan il-*container* jerga' jigi lura Malta. Mistoqsi

kemm kien l-ammont dovut ghax-shipment ta' qabel li huwa msemmi fl-*email* ta' Ottubru 2003 spjega li le m'ghandux u spjega li *any outstanding bills* li huma kellhom ma' din il-kumpanija partikolari flimkien ma' din ix-shipment thallsu taghha.

Illi l-imputati t-tnejn irrilaxxjaw stqarrijiet li jinsabu esebiti fl-atti, pero' ghazlu wkoll li jaghtu d-deposizzjonijiet viva voce fejn iccaraw il-fattt kif maghrufa minnhom.

Illi nhar it-22 ta' Gunju, 2015 xehed b'mod volonarju l-imputat **James Stewart Veneziani** u spjega li huwa kien jahdem bhala *shipping clerk* jew ahjar *courier* u dan billi kien imur jghaddi d-dokumenti d-Dwana. Spjega li fl-ufficcju jippreparawlu d-dokumenti u huwa jmur id-Dwana biex jiprocessahom. Is-socjeta' li huwa kien impjegat maghha hija Custom Trade. Spjega illi bhala procedura l-karti kienu jimtlew fl-ufficcju u jtuhom lilu u huwa johodhom fid-Dipartiment tad-Dwana biex jigbor it-timbri safejn ikun hemm bzonn.

Dak biss kien xoghlu - li jiprocessa l-karti. Spjega li fil-fatt kien ilu mpjegat mal-kumpanija ghal xi sena, bl-ezatt ma jafx u baqa' jahdem sa ftit xhur wara. Hija procedura normali li meta tkun qed tghaddi l-karti d-Dwana jsaqsuk ghall-VAT *number* u mistoqsi jekk effettivament staqsewhx dakinhar spjega li ma jistax jiftakar ghax ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin. Il-karti kienu jghadduhomlu jew Kevin Attard jew is-segretarja. Kevin Attard, il-ko-akkuzat, huwa d-Direttur.

Illi nhar it-2 ta’ Lulju, 2015 xehed fit-tul l-imputat **Kevin Attard** minn jeddu u b’mod volontarju u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta’ Direttur tas-Socjeta' maghrufa bhala Customs and Trade Agency. Spjega li fis-snin 2003 u 2004 din is-socjeta’ kienet topera mill-fond 23, Liesse Hill, Valletta fejn il-Victoria Gate. Jiftakar li jum fost l-ohrajn, kienet gurnatas-Sibt, ghall-habta tal-hdax (11:00) ta’ filghodu fis-sena elfejn u erbgha (2004) l-Ispettur Abdilla kien talbu sabiex imur ikellmu gewwa d-Depot il-Furjana. Qallu li kien ser ikellmu fuq *container* u effettivament kien tah in-numru ta’ dan il-*container* u talbu jiehu d-dokumenti relattivi u ghalhekk kien gabar id-dokumentazzjoni u kien hadhom mieghu d-Depot.

Spjega li huma jzommu d-dokumentazzjoni relattiva ghal kull *container* u ghalhekk hemm facilita' f’dan ir-rigward. B'hekk mar l-ufficcju l-Belt, gabar id-dokumentazzjoni u mar il-Furjana d-Depot. Spjega li d-dokumentazzjoni li huwa kien ghadda lill-Ispettur safejn jaf hu hija kollha esebita fl-atti. Spjega li fil-fatt qed jara d-dokument f'dawn l-atti mmarkat JA11 u spjega li effettivament dan juri li kien *shipment in transit* u dan ghaliex il-*file* huwa ahmar. Fil-fatt meta jkun *import* il-*file* ikun blu u meta l-merkanzija tkun *export* il-*file* ikun iswed.

Beda billi ghamel referenza ghax-xiehda moghtija mill-Freeport Officer Adrian Mallia li tinsab inserita fl-atti a fol. 72 u spjega li Adrian Mallia kien esebixxa l-movimenti ta’ dan il-*container*, liema

*container* fil-fatt kien mexa fit-22 ta' Settembru, 2003. Effettivament irrizulta illi dana kien gie *discharged* kif jindika d-dokument a fol. 74 u xtaq jallacja din ix-xiehda ma' dik moghtija minn Adrian Fenech rappresentant ta' WJ Parnis England li tinsab inserita fl-atti a fol. 66. Kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. *sixty six* (66) fejn hemm miktub *slow entry* datat dsatax (19) ta' Settembru, *two thousand and three* (2003) spjega li dan ifisser illi l-*container* in kwistjoni llandja Malta fid-dsatax (19) ta' Settembru, *two thousand and three* (2003) u dahal fil-Malta Freeport u in segwitu' spjega li dan il-*containe*r hareg mill-Freeport fid-disgha (9) ta' Ottubru, *two thousand and three* (2003) minn fejn irrizulta a fol. *sixty five* (65) il-kelma *load*.

Qal li huwa ghamel referenza ghal dawn id-dokumenti mahruga mill-Freeport - zewg (2) fatturi u dana sabiex jikkonferma u jelabora dak li spjega li effettivament il-*container* kien wasal Malta fid-dsatax (19) ta' Settembru, *two thousand and three* (2003), baqa' fil-Freeport *in transit* u hareg minn Malta fid-disgha (9) ta' Ottubru, *two thousand and three* (2003). Hekk ried ifisser ukoll li effettivament dan il-*container* kien indirizzat originarjament lill-Calypso Trading. Zied li l-kumpanija dahlet f'din il-kwistjoni fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, ghalhekk dan ifisser illi l-*container* kien ga ilu hawn Malta ghaxart ijiem.

Spjega li effettivament kien ircieva korrispondenza fid- 29 ta' Settembru u dana minghand is-Socjeta' New East End Limited,

Singapore. Qal li t-*tracks* tinsab iffirmata minn Jan Hung Sung u hija mmarkata mill-Qorti bhala dokument CSH u tinsab inserita fl-atti cioe' fil-*file* ahmar li huwa mmarkat bhala dokument JA11 a fol. *thirty eight* (38).

Irrizulta wkoll minn din il-*fax* li effettivament din il-*fax* waslet ghandhom fis-siegha u kwart (1:15am) ta' filghodu, l-istess jum tad-29 ta' Settembru 2003. Spjega li effettivament din is-Socjeta' saret taf dwarhom mill-Olanda u spjega li missieru kien ilu f'dan in-negozju ghal aktar minn tletin (30) sena jinnegozja mal-Olanda. Fil-fatt kien wiehed mill-pijunieri tat-Trasport f'Malta u ghalhekk l-isem taghhom huwa sinonimu mat-trasport.

Spjega ukoll illi s-Socjeta' taghhom hija parti minn Global Transport Organisation. Hija organizzazzjoni li thaddan fiha *freight forwarding* awtorizzati fid-dinja kollha u ghalhekk dan iffiser li jkun hemm kumpanija wahda li tirrakomanda l-ohra u hawnhekk gew mitluba sabiex jaghmlu *handling* ta' dan il-*container*.

Ghamel referenza ghat-tielet (3) paragrafu ta' din l-*email* fejn huma gew mitluba sabiex ma jaghtu l-ebda dokumentazzjoni lis-Socjeta' Malta Calypso Handcrafts Limited. Spjega li f'dan il-kaz suppost il-WJ Parnis England kienet diga' baghtet *notice of arrival* lill-kumpanija Malta Calypso Handcrafts Limited dwar l-*arrival* tal-*container* in kwistjoni. Ghalhekk hu ghamel il-komuniki tieghu direttament mas-Socjeta' WJ Parnis England.

In segwitu huwa kien ircieva minghand din is-Socjeta' ta' Singapore New Eastern il-*bill of lading* inkwistjoni li tinsab inserita fl-atti cioe' fil-*file* l-ahmar immarkat bhala dokument CSH1. L-ewwel komunika li huma ghamlu ma' din is-Socjeta' gewwa Singapore kien permezz ta' *fax message* li hija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH2 li hija datata 30 ta' Settembru, 2003 u dana b'risposta ghall-*email* li kienu rcevew lejliet. Naturalment din mibghuta lil Yung Sung. Spjega li fl-istess ittra *fax message* ghamluha cara li huma ma kellhomx x'jaqsmu xejn mas-Socjeta' Calypso Handcrafts Limited.

Spjega illi in segwitu' tal-*mail* taghhom mmarkata CSH2 ircevew risposta minn gewwa Singapore permezz ta' *email* li hija datata 30 ta' Settembru u wkoll permezz ta' *fax* li hija mmarkata bhala dokument CSH3. F'din il-*fax* li rcevew (dokument CSH3), gew mitluba sabiex jaghmlu s-*shipment* direttament lejn l-Ingilterra. In segwitu' skont il-korrispondenza datata l-1 ta' Ottubru, 2003 Dok. CSH4 tawhom id-*details* tal-*bank account* taghhom u sussegwentement wara l-komuniki li huma ghamlu ma' Parnis England jaf li kienu rcevew in-*notice of arrival* f'isimhom.

Fil-fatt huma kienu avzaw lis-Socjeta' estera li ma kellhomx jaqbdu jibaghtu l-*container* qabel ma jkollhom struzzjonijiet minghandhom. Fil-fatt dan iffiser li huma kienu gja inghataw dan ix-xoghol meta effettivament il-*container* kien diga' jinstab hawn Malta. B'hekk huwa ma kien ghamel l-ebda ricerka dwar il-kumpanija in kwistjoni.

Ghamel referenza ghal-korrispondenza li giet skambjata bejnhom u bejn Adrian Fenech ghan-nom ta' WJ Parnis England li tinsab inserita fl-atti u mmarkata bhala dokument CSH5 u l-ewwel haga li ghamel kienet li huwa talab *quotation* biex jara x'kienu l-ispejjez. Spjega illi Adrian Fenech kien infurmahom ukoll li kien hemm kont pendenti fil-konfront ta' Calypso Handcrafts Limited li kien ghadu pendenti. Fil-fatt dan ifisser li Calypso Handcrafts kien diga' dahhal *container* hawn Malta u ma kienx gie *handled* minnhom. Ix-xhud qal li dan kien gie *handled* minn Parnis England u ghalhekk il-kont kien dovut lil WJ Parnis England. U ghalhekk meta huwa kien sar jaf li effettivament diga' kien hemm kont pendenti ma' agenzija ohra u allura li kien minnu dak li qalet is-Socjeta' minn Singapore li kien hemm xi *financial problems,* u il-fatt illi Calypso Trading kienet diga' gabet *container* hawn Malta, ikkonkluda li dan ifisser li fil-fatt il-kumpanija Calypso kienet fil-fatt tezisti.

Ghamel referenza ghall-*email* ohra li hija datata 3 ta' Ottubru, 2003, mibghuta lilu minn Adrian Fenech, in segwitu' ta' *email* li huwa kien baghat ftit qabel lil Adrian u peress li huma bhala agenti jippruvaw jirreciprokaw il-*business,* ghalhekk kien talabhom sabiex jibaghtulu l-kopja ta' din l-*invoice* li kienu baghtu lill-Calypso u ma kinux thallsu taghha sabiex huma jippruvaw jigbrulhom il-flus direttament minn Singapore, sabiex flimkien mal-ispejjez tieghu jigbor taghhom. Ghalhekk huwa fehem, skont ma qallu Adrian, illi kien hemm xi dizgwid bejn is-Socjeta' gewwa Singapore u Calypso hawn Malta.

Fil-fatt giet mibghuta *email* ohra fejn gie nfurmat li kienu ser jibaghtulu l-*invoice*, naturalment il-kelma *fax* kellha tkun *invoice*. Dan id-dokument huwa dokument CSH6. Ghamel referenza ghad-dokument datat 10 ta' Ottubru u spjega li din hija *invoice* mibghuta lilhom minn WJ Parnis England Limited ghall-ammont ta' *one two one point twenty five* (121.25) b'referenza ghac-*charges* li kienu dovuti in konessjoni mal-*container* li gew mitluba jaghtu assistenza dwaru mis-Socjeta' New Eastern. Dan id-dokument huwa mmarkat bhala dokument CSH7.

Spjega li in segwitu' huwa kien ircieva l-hlas direttament minn Singapore u kien hallas lil Parnis England kemm dak dovut minnu in konessjoni mal-*container* li kien mizmum il-Freeport kif ukoll dwar dak l-*invoice* li kien dovut antecedentement lil Parnis England mis-Socjeta' Calypso u spjega li ghalhekk id-dokument esebit fl-atti mmarkat bhala dokument EFTI a fol. 88 bl-ammont ta' *two four eight point thirty eight* (248.38) ikopri dawn iz-zewg *invoices*. Hemm indikat ukoll li dawn il-flejjes gew imhallsa minn WJ Parnis England *in cash*.

Ghamel referenza wkoll ghal dak li qal ix-xhud Joseph Bowman li kkonferma li effettivament Parnis England kienet thallset ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghha. Sussegwentement huma kkomunikaw ma' WJ Parnis England biex jaraw meta kien possibbli li dan il-*container* jintbaghat gewwa l-Ingilterra, ibbukjawh mal-bastiment, tawh l-ispecifications ta' dan l-istess *container*, infurmawhom illi effettivament dan l-istess *container* kien ghadu *in transit* fil-Freeport

ghalhekk gie ri-esportat l-Ingilterra u ghalhekk tawhom struzzjonijiet sabiex il-*bill of lading* timxi max-*ships bag*, dan ghalhekk jimxi flimkien mad-dokumenti tal-vapur.

Spjega illi skont il-*logo Local Cargo Mainfest* mahrug minn WJ Parnis England jindika li effettivament dan il-*container* kien *in transit* ghaliex qatt ma hareg mill-Freeport. Dan kien jidher mid-dokument esebit fl-atti a fol. 64 minn Adrian Fenech. Ghalhekk b'referenza ghad-dokument a fol. 65 huwa ppruvat li effettivament il-*container* telaq minn Malta fid-9 ta' Ottubru 2003. Naturalment una volta li l-*container* ikun gol-Freeport ikun hemm il-movimenti tieghu u dana minhabba problemi ta' *container control*.

Huma thallsu u l-*container* telaq minn Malta. Mill-bqija l-istorja spiccat u dan sakemm kien gie msejjah biex imur ikellem lill-Pulizija. Spejga ukoll li huwa kien ircieva xi korrispondenza mid-Dwana sabiex jikkjarifika certu dokumentazzjoni u kien sahansitra anke tahom twegiba. Dan spjegah b'referenza ghad-dokument JNO1 a fol. (59. Sahansitra kien anke wegibhom kif jidher mid-dokument esebit fl-atti a fol. 58, in segwitu li huwa rcieva telefonata mill-Pulizija.

Spjega ukoll illi dak imsemmi fl-ittra li huwa kien ircieva mid-Dwana ghalih kien kollu estraneju ghax effettivament huwa fl-ebda hin ma mela *cheques for decleration* in konessjoni mal-Calypso Handcrafts Limited. Qal li effettivament ma jistax isir dokumentazzjoni dwar *export* li effettivament il-merca inkwistjoni ma tkunx harget mill-

Freeport u inoltre qal li naturalment ghal min ikun jimporta ma taghmilx sens li tmur taghmel *export documentation* una volta l-oggett ikun ga telaq mill-pajjiz. Spjega li effettivament l-Ispettur kien ipprezentalu din id-dokumentazzjoni msemmija fl-ittra tal-*custom* li tinsab inserita fl-atti a fol. 35 sa 37. Sostna li din id-dokumentazzjoni qatt ma giet miktuba minnu u la hemm firma u lanqas timbru tal-kumpanija tieghu.

Spjega li dak iz-zminijiet id-dokumentazzjoni kollha kienet timtela' manwali. Din l-*invoice* qatt ma giet elevata mill-*computer* tieghu u l-ewwel darba li raha kienet fl-ufficcju tal-Pulizija. Insista li anke dan id-dokument il-*Euro One Certificate* rah l-ewwel darba ghand il-Pulizija. Spjega li huma f'dan iz-zmien, u cioe' fl- 2003 ma kinux jahdmu bit-*typewriters* imma kienu ga bil-*computer*. Fil-fatt kellhom *template* gewwa l-*computer* u kienu jiprintjawhom direttament.

Saritlu referenza ghall-stqarrija li huwa kien irrilaxxa lill-Pulizija b'mod partikolari dik il-parti fejn huwa kien ghamel referenza ghal xi telefonati. Huma jaghtu zewg (2) servizzi cioe' *Customs Clearence* u F*reight Forwarding*, f'dan il-kaz huma ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-*Customs* kellhom x'jaqsmu biss fuq *freight forwarding*. Huma fl-ebda hin ma missew mad-Dwana. B'referenza ghall-*freight forwarding* huma jkollhom x'jaqsmu biss mad-dokumenti, cioe' r-relazzjoni taghhom kienet dik diretta ma' Parnis England. Stqarr li d-Dwana peress li huwa jkollu hafna x'jaqsam maghhom kulhadd jafu *first hand bases*. Iddikjara li huwa fil-fatt *second* (2) *generation* tan-negozju u Mr. Grima kien qal li effettivament kien cempillu u spjega

li dak iz-zmien huma kienu jihhendiljaw bejn ghaxra (10) u tnax (12)-il *container* kuljum ghaliex dak iz-zmien kienu huma biss fuq id-dokumentazzjoni.

Mill-memorja x-xhud qal li ma jiftakarx li effettivament is-Sur Grima kien cempillu. Jiftakar biss illi dak iz-zmien kien hemm ir-*refurbishing* tal-Calypso Hotel t'Ghawdex minn Caruana Group u huma fil-fatt kienu baghtu hafna xoghol lilu. Jista' jkun li kien talbu xi VAT *number* tal-Calypso u dak il-hin tah il-*vat number* tal-Calypso Hotel li kien hazin ukoll. Huwa ma jiftakarx din it-telefonata pero' ma jeskludihiex. Dak iz-zmien il-*containers* tal-madum ta' Alex Mercieca kienu qed jigu *delivered* Ghawdex il-Calypso Hotel gewwa Marsalforn. Spjega li Rene' Borg ma jfissirx li kien jahdem mal-Calypso, pero' kien Project Manager. Ix-xhud qal li jekk ikun hemm bzonn li jinhatt xi *container*, effettivament icempel ghall-appuntament biex ma jkunx hemm hafna *containers* ihottu fl-istess hin.

Rene' Borg kien il-kuntatt tieghu mal-Calypso Hotel. *Euro One Certificate* kien jinhareg dak iz-zmien. Spjega li dak iz-zmien Malta kienet ser tidhol fl-Unjoni Ewropea u l-procedura kienet li meta x-xoghol ikun ta' origini Maltija u jkun sejjer l-Ingilterra kien jigi ezentat mid-dazju. F'dan il-kaz ma kienx hemm htiega ta' *Euro One Certificate* ghax il-merkanzija kienet *in transit*.

B'referenza ghad-dokument li hemm esebit fl-atti a fol. 42, kien ipprezenta kopja tar-*reciept book* tad-Dwana u spjega li hemmhekk kien ikun hemm indikat l-*Euro Certificate* u kien jinghata numru. Ma jirrizulta minn imkien li effettivament dan id-dokument a fol. 35 hareg

bhala ordni mid-dokumenti mahruga minnu. Jirrizulta illi *Euro One Certificate* kien inxtara minn xi hadd James Veneziani skont id-dokument esebiti fl-atti a fol. 42.

Spjega li James Veneziani effettivament kien jaghmel xi hinijiet mieghu, pero' kien jahdem ma' kumpanija ohra fl-istess xoghol. Spjega li dak iz-zmien kellhom hafna xoghol, kien iltaqa' mieghu hdejn id-Dwana w kellhom habib komuni. Spjega wkoll illi l-*Euro One Certificate* li tinstab esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument JA10 fil-fatt kienet imwahhla mad-dokument JA8 liema dokument ukoll ma kienx hareg minghandu. Spjega li fil-fatt dakinhar dan James Veneziani kien xtara ghoxrin (20) Euro Certificates, kif hemm indikat fin-numru 384850 sa 384899. Zied li d-dokument JA10 il-*Euro One Certificate* huwa nnumerat 384880 allura dan id-dokument inxtara f'dan il-*batch* t'ghoxrin (20) .

Spjega illi l-*Euro One Certificate* ikun *dual copy* u huma *perforated at the top*. Ried jispjega li kull dokument li jigi prezentat ghandu numru u jigi registrat u naturalment ir-registrazzjoni hija bid-data ta' meta tkun processata, jkun hemm l-*invoice number* fuqha u ghalhekk kieku l-*entry* kienet taghhom kienet tkun registrata f'isimhom. Ikkonferma li saret *customs entry* kif hemm esebit fl-atti a fol. 35 pero' ghal darba ohra spjega li din ma saritx minnu. Skont it-timbru waslet fid-Dwana fil-hdax (11) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tlieta (2003).

Iddikjara li huwa ilu jahdem f'dan ix-xoghol ghal rasu mis-sena 1995. Cahad dak li qal l-Ispettur u cioe' li huwa ghamel din id-dokumentazzjoni biex jindika li effettivament ix-xoghol kien ha jitlaq

minn Malta u mhux li kien *in transit*. Lanqas ma huwa minnu dak li qal l-Ispettur li huwa pprova jbiddel il-provenjenza, ghaliex ma kienx hemm lok ghal tali ezercizzju. Verament il-*container* li kien hemm kien *in transit*. Mhux minnu lanqas dak li gie allegat li effettivament dak li hemm esebit fl-atti a fol. 35 sa fol. 42, li b'dan ix-xoghol gie mibghut l-Ingilterra u ma giex imhallas id-dazju fuqu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2015 meta l-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu’ ta’ din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi ghalhekk, m’hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti tirrileva li ma kinitx hi li ghexet il-process tul medda ta’zmien u semghet ix-xhieda kollha prodotti, stante li l-kaz beda quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Pero’ hija semghet numru ta’ xhieda relevanti anke fi stadju tal-Prosekuzzjoni w ghalhekk xorta thoss li hija f’posizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament tax-xhieda li xehdu u tikkonstata x'interess seta’ kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi kif inhu ben saput, sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhallix lill-gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar ir-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi la naha w lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu

ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbilita'. [Vide **Il-Pulizija v Joseph Zampa et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 1998.]

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [Vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 2000].

Kwantu ghal provi indizzjarji li gia saret referenza ghalihom, din il-Qorti tfakkar f'dak li nghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952] AC 480, 489** fejn intqal:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."* *[vide* **Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998.*]*

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** fejn gie dikjarat li "huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci".

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice [**1997 Edition, para. 10 - 3] b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952]** jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil Cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil:**

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li bhal ma ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza fis-17 ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni bil-ghan sabiex tistabilixxi jekk humiex diretti fl-istess direzzjoni u cioe' jekk iwasslux ghall-htija tal-imputat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi jirrizulta s-segwenti u dan bhala fatti mhux kontestati:-

1. Illi l-imputat Kevin Attard huwa d-Direttur tas-socjeta' Customs and Trade Agency Limited waqt li l-ko-akkuzat James Stewart Veneziani

ghamel xi zmien impjegat ta' din is-socjeta' bhala *runner*, jghaddi d-dokumenti id-Dwana.

2. Illi f'jum partikolari l-Ispettur Abdilla kien beda jinvestiga rapport li kien ircieva mid-Dwana dwar allegata falsifikazzjoni ta' dokumenti li gew prezentati lid-Dwana bil-ghan li ma jsirx hlas ta' dazju fuq il-merkanzija deskritta fl-istess dokumentazzjoni.

3. Illi l-imputat Attard gie infurmat li l-investigazzjoni kienet tikkoncentra dwar container numru TRVL777552-1 u ghalhekk meta mar ikellem lill-Ispettur Investigattiv ghadda l-ufficcju tieghu u gabar il-file relattiv.

4. Jidher li dan kien container li wasal Malta u baqa' gewwa t-terminal tal-Freeport in Transit.

5. Adrian Mallia rappresentant tal-Freeport Terminal nhar is-26 ta' Settembru 2008 jghid li l-container fuq deskritt nizel Malta fit-22 ta' Settembru 2003 fuq il vapur SMAGCM fis-7.12p.m.(Dok a fol. 72). In segwitu' dan il-container mexa ghal terminal two u gie discharged (Dok a fol. 76) ghal terminal one u eventwalment tghabba fid-9 ta' Ottubru 2003 din id-darba fuq il vapur Marfred Provence u gie discharged bhala *local*. B'mod kategoriku jghid li skond ir-records taghhom dan il-container qatt ma hareg mill-Freeport Terminal. Jghid pero' li fis-6 ta' Otturbu kien ircieva informazzjoni sabiex dan il-container jinbidel minn *import* ghal *transhipment*.

6. Dak li kkonstata Adrian Mallia huwa wkoll korroborat bix-xhieda ta' Adrian Fenech impjegat ta' WJ Parnis England. Huwa esebixxa dokument li jinsab esebit a fol 66 maghruf bhala Express Container History 2 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-container mertu tal-kawza wasal Malta fit-19 ta'

Settembru 2003 fis-7.12pm u li in segwitu' fit-22 ta Settembru 2013 waqt li kien gewwa il-Freeport kien mexa u li telaq minn Malta fid-9 ta Ottubru 2003. Illi minn ezami tal-Local Cargo Manifest li esebixxa Adrian Fenech fix-xhieda tieghu (fol. 64) jirrizulta illi kien hemm *675 cartons of gift ware* ghal *re-export* lejn is-socjeta' Analog Devices Ltd gewwa Tilbury, Birmingham. Mistoqsi x'jifhem bil-kelma *re-export* jghid li tfisser li x-xoghol li kien wasal Malta kien ser jerga' jitlaq. Spjega ukoll permezz tal-invoice datata 9 ta' Ottubru 2003 li esebixxa a fol. 67, li s-socjeta WJ Parnis England kienet harget invoice ghas-somma ta' LM260.412 indirizzata lis-socjeta' Calypso Handcrafts Ltd ta' Hal Far dwar din l-istess merkanzija li kienet sejra abbord il-vapur Marfret Provence lejn Tilbury.

7. Jirrizulta ukoll mill-korrispondenza li giet skambjata bejn Kevin Attard u Adrian Fenech ghan-nom ta WJ Parnis England u appuntu Dok CSH 5 esebita fl-atti, li effettivament din is-socjeta' Calypso Handcrafts Limited diga' kellha kont pendenti ma' WJ Parnis England u ghalhekk ifisser li effettivament din is-socjeta' diga' kienet dahhlet container hawn Malta fil-passat, tramite agent iehor, meta kien gie handled minn WJ Parnis England u ghalhekk meta huwa mar biex jigbor il-hlas dovut lilu ghal din il-konsenja tal-giftware ha hsieb li jigbor ukoll dak dovut lil WJ Parnis England (vide Dok CSH 6 u 7 fil-file ahmar markat Dok JA 11). Dan jikkorrobora dak li qalet is-socjeta' New Eastern Limited f'Singapore li kkomunikat ma' Kevin Attard u qaltlu li kellha *financial problems* (vide Dok CSH 6 fil-file ahmar markat Dok JA 11).

8. Jidher mix-xhieda ta' Kevin Attard u mid-dokumenti esebiti li Kevin Attard dahal f'din il-materja meta kien ircieva fax mis-socjeta' New Eastern (1971) PTE Limited gewwa Singapore nhar id-29 ta' Settembru 2003 (vide

Dok CSH fil-file ahmar markat Dok JA 11) fejn gie mitlub sabiex jassistiha rigward *container* numru TRVL 7775522 li kien kopert bil-*bill of lading* 57126239 abbord il-vapur Makassar li kellu jasal Malta fid-29 ta' Settembru 2003 li kellu merkanzija konsistenti f'*giftware* bi gross weight ta' 10,750 kgs u dan sabiex una volta jasal Malta *in transit* kellhom jergghu jixxipjaw il-*container* u javzaw lis-socjeta' Analog Devices Ltd ta' Birmingham. F'din l-istess fax gie mgharraf li s-shippers kienu Malta Calypso Handcrafts Limited. In oltre gie indikat ukoll li din is-socjeta' kellha xi *financial disputes* mas-socjeta' Calypso Handcrafs Limited u ghalhekk gie imwissi biex ma jibghat l-ebda dokument lis-socjeta' Calypso Handcrafs Limited. Ghalhekk gie mitlub sabiex jibaghtilhom stima sabiex jiehu hsieb dan il-mandat u jinkludi l-*agency fees* tieghu u una volta jircievu minghandu kienu lesti li jibghatulu l-*bill of ladings*.

9. Permezz ta' *fax message* datata 30 ta' Settembru 2009 mibghuta minn Kevin Attard lis-socjeta' f'Singapore jirrizulta li effettivament is-Sur Attard xtaq ikun jaf min kien responsabbli ghall-hlas u dan ghaliex xtaq li jithallas qabel ma jibghat dokumentazzjoni ghar-*release*, kellu jikkonferma mas-*shipping agent* dwar is-suespost wara li jircievi in-*notice of arrival* tal-vapur u li ma kienx responsabbli ghall-hsarat tal-merkanzija la l-container huwa in transit u ghalhekk ma kellux il-possibilta' li jinxurja l-merkanzija. In oltre qal li ma kienx ser ikollu involviment mas-socjeta' Calypso Handcrafts Limited skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu minnhom. (Dok CSH 2 fil-file ahmar markat Dok JA 11).

10. Jidher li s-socjeta' estera gewwa Singapore accettat dak mitlub minn Kevin Attard tramite fax datata 30 ta' Settembru 2003 (Dok CSH 3 fil-file

ahmar markat Dok JA 11) u talbu li jinghataw kopja tal-invoice relattiva u l-bank details tas-Sur Attard sabiex jaghmlu l-hlas relattiv.

11. Permezz ta' fax datata l ta' Ottubru 2003 Kevin Attard baghat *fax message* bid-dettalji tal-bank account tieghu u li kienu ircevew informazzjoni mix-*shipping agent* WJ Parnis England li l-container kien gja wasal Malta fl-20 ta' Settembru 2003 u filfatt l-istess Sur Attard kien infurmahom li ma hax gost li baghtu l-merkanizja qabel ma tawhom il-konferma taghhom u li fil-futur ried li jkun hemm accettazzjoni taghhom qabel ma jibaghtu merkanzija. Qal ukoll li kien lest li jaghtihom id-dettalji dwar id-*date of shipment* una volta jithallsu tal-*invoices* li kien hemm pendenti.

12. L-imputat Kevin Attard ipprezenta ukoll l-iskambju tal-emails li ghaddew bejn is-socjeta' WJ Parnis England tramite r-rapprezentant taghha Adrian Fenech u s-socjeta' tieghu tramite l-persuna tieghu (vide (Dok CSH 5 fil-file ahmar markat Dok JA 11). Minn ezami ta' dawn l-emails jririzulta li effettivament is-socjeta'WJ Parnis England kienet gja nnegozjat mas-socjeta' Calypso Handkcrats Limited u li kellha invoice pendenti maghha u li Kevin Attard kien ser jigbor dak dovut lil WJ Parnis England ghal dik l-invoice Dok CSH 7 fil-file ahmar immarkat Dok JA 11 flimkien ma' dak dovut lilu u in oltre li s-Sur Attard kien ipprenota li l-container jintbaghat lis-socjeta' Analogue Devices gewwa Tilbury, Birmingham kif kien istruwit li jaghmel mis-socjeta' ta' Singapore skond id-dokument CSH fil-file ahmar markat Dok JA 11. Jidher li fl-atti fil-file ahmar Dok JA 11 hemm ukoll il-*bill of lading* tal-merkanzija involuta fil-*container* mertu tal-kawza bl-istess *specifications* kif indikati fil-fax Dok CSH u cioe' merkanzija li tikkonsisti f'*675 cartons of giftware* b'piz ta' 10750.00kgs.

13. Skond ix- xhieda ta' Joseph Bowman moghtija fil-5 ta' Frar 2015 (fol. 129) bhala rapprezentant ta' WJ Parnis England, jirrizulta li Kevin Attard hallas lil WJ Parnis England dak kollu li kien pretiz minnha tant li effettivament ma kellhiex aktar pretensjonijiet pendenti.

14. Jirrizulta mill-atti ukoll li fl-14 ta Novembru 2003 is-Sur Joe Naudi rapprezentant tad-Dwana kien ikkomunika ma' Kevin Attard dwar din l-istess konsenja u kien infurmah li kien hemm diversi irregolaritajiet dwar dan ix-shipment partikolarment:

a. Li l-VAT number kien nieqes fuq il formoli;

b. Li l-VAT number li gie indikat aktar tard u cioe' 15810303 ma setax jinstab;

c. Li iddikjara li l-mekanzija kienet ta' origini Maltija tant li kien hemm il- EURO 1 Certificate numru 384880;

d. In-numru tat-telefown fuq l-invoice cioe' n-numru 21650980 ma kellu x'jaqsam xejn mas-socjeta' Calypso Handkrafts Limited;

e. Kellhom id-dubbji jekk is-socjeta' Calypso Handkrafts Limtied kinitx ghadha qed topera;

f. Li l-container imsemmi fuq il-EURO 1 certificate, bin-numru TRVL 7775522 ma dahalx Malta ghaliex kien in transit.

15. Illi s-Sur Attard kien wiegeb permezz ta' ittra datata 17 ta' Dicembru 2003 li waslet ghand is-Sur Naudi *by hand*, fejn jghid li ma kien jaf xejn dwar l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fl-ittra mahruga mis-Sur Naudi u li m'ghandhomx records tal-prezentati tad-dokumenti jew processor tad- dikjarazzjoni. Talab li sahansitra tintbaghtlu kopja tad-dikjarazzjoni sabiex jivverifika l-firma fuq dak id-dokument fejn is-socjeta' tieghu tidher allegatament bhala dik li qed taghmel id-

dikjarazzjoni. Mid-dokumenti esebiti ma jidhirx li intbaghtet xi risposta ghal din l-ittra tas-Sur Attard.

16. Salvatore Grima rapprezenant tad-Dwana jghid, b'referenza ghal dan il-kaz, li kien gie rapprezenant tas-Sur Attard certu James Stewart Veneziani w ipprocessa dokumenti ghal *export* u jghid li waqt li l-iskrivana kienet qed tipprocessa din id-dokumentazzjoni indunat li l-*classification number* maghruf bhala l-HS number tal-merkanzija *giftware* kien nieqes u hekk anke l-VAT number. Jghid ukoll li kien hemm dikjarazjoni li l-origini tal-merkanizja kienet Maltija u kien hemm isem is-socjeta' Calypso Handkrafts Limited u li ghalhek kien applika wkoll ghal EURO 1 Certificate sabiex ma jithallasx dazju fuq il-merkanzija fil-post tad-destinazzjoni stante li kien fl-Ewropa. Huwa kkonferma li d-dokumenti esebiti fl-atti u markati bhala Dok JA8, JA 9 u JA10 huma d-dokumenti in kwistjoni. Qal ukoll li kien ghamel verifiki dwar il-VAT number u t-telephone number moghti u rrizulta li kien hemm xi nuqqas ta' qbil. Jghid li kien kellem lis-Sur Attard, li kien tah in-numru tal-VAT hu stess u jghid li effettivament kien qallu li d-dokumentazzjoni kienet giet mimlija f'isem Rene' Borg. Jghid pero' li lil Rene' Borg ma kellmux.

17. In kontro-ezami pero' nhar is-7 ta' Novembru 2014 jghid li ma kienx hu li sab dawn in-nuqqasijeit li semma aktar 'il fuq izda Michelle Rita Vella u lanqas ma jiftakar jekk kienx hu li ghamel it-telefonata ghal xi verifiki. Qal li jaf li s-Sur Attard ikollu hafna xoghol id-Dwana u mistoqsi jekk kienx jaf li kellu hafna xoghol in konnessjoni mal-Calypso Hotel f'Ghawdex f'dawk iz-zminijiet jghid li ma jafx. Ghal darb' ohra pero' jghid li effettivament Kevin Attard kien qallu b'isem Rene' Borg u

ghalhekk haseb li kellu jaghmel xi verifiki mieghu. Qal ukoll illi ma joqoghdux jiccekkjaw jekk dak li hemm fil-contaienr verament ikunx dak deskritt fid-*declaration forms*.

18. L-Ispettur Ian Abdilla xehed in kontro-ezami w meta gie mistoqsi jekk sarx xi ezami tal-kalligrafija fuq id-dokumentazzjoni esebita wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk kienx l-imputat Attard li mela l-formola jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk elevax il-kompjuter tal- imputat Attard sabiex isiru xi ezamijiet in konnessjoni mad-dokumenti esebiti jghid li ma ghamel xejn minn dan. Jghid li safejn jiftakar, is-Sur Attard kien ghaddielu d-dokumentazzjoni kollha li kellu in konnessjoni ma' dan il-kaz u jghid li ma jidhirlux li tali dokumentazzjoni kienet falza. Jikkonferma li minn dak li rrizutlalu, s-socjeta' gewwa Singapore diga' kellha xi negozju antecedenti mas- socjeta' Calypso Handkrafs Limited u fil-fatt jghid li kien kellem lis-socjeta' WJ Parnis England ukoll dwar dan. Jghid li ma ghamel l-ebda investigazzjoni ulterjuri u ma kellux ghalfejn jiddubita dwar il- kontenut tal-emails li gew skambjati. Qal li l-investigazzjoni tieghu kienet biss dwar il-formoli li gew prezentati lid-Dwana.

19. L- Ispettur jikkonferma li l-*container* qatt ma gie miftuh hawn Malta u li baqa' dejjem in transit u li ghalhekk ma kienx hemm lok sabiex jigi pprezentat il-EURO 1 Certificate ghaliex dazju ma kienx dovut. Is- *seal* indikat fuq il-*bill of lading* dejjem baqa' l-istess. Jghid li minkejja li l-*container* baqa' Malta l-awtoritajiet Inglizi kienu se jircievu dokumenti li jindikaw li l-merkanzija kienet gejja minn Malta.

20. Illi bhala fatt jidher li effettivament huwa minnu li n-numri tat-telephone li gew indikati fuq il-formoli kienu zbaljati, kif konfermat

minn Charmaine Galea Triganza rapprezentanta tal-Go (fol. 70), li in-numru tal-VAT indikat fuq il-formola wkoll kien zbaljat kif konfermat minn Paul Scicluna (fol. 80), u illi s-socjeta' Calypso Handkrafts Limited m'ghandhiex fabbrika fl-Industrial Estate ta' Hal Far kif ikkonfermat Daniela Aquilina (fol. 84). Ghalkemm il-Qorti tirrileva li fuq id-dokumenti JA 8, JA9 u JA 10 hija ma rat l-ebda telephone number jew VAT number indikat u lanqas xi firma ta' min issottometta dawn l-applikazzjonijiet m'hemm.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputati (kemm ix-xhieda ta' Attard kif ukoll ta' Veneziani) u sejra titratta maghhom b'mod separat peress li dak li jghid akkuzat fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor ma jaffettwahx, la fit-tajjeb u lanqas fil-hazin.

Jirrizulta li l-imputat Kevin Attard kien irrilaxxja zewg stqarrijiet *a tempo vergine* ta' l-investigazzjonijiet u jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Abdilla li l-imputat Attard ikkopera mieghu tant li anke tah il-file (Dok JA 11) kollu li kellu fir-rigward ta' din il-merkanzija *in transit*.

Fl-ewwel stqarrija esebita fl-atti a fol. 39 immarkata Dok JA12 l-imputat jispjega li is-socjeta' tieghu Customs and Freight Agency Limited ilha topera mis-sena 1995 u taghmel xoghol ta' Customs Brokerage u Freight Forwarding. Mistoqsi jitkellem dwar il-container numru TRVL 7775522 jghid li ghadda il-file tieghu kollu originali lill-Ispettur. Spjega il-fatti kif kienu maghrufa lilu u cioe' li kien ircieva fax datat 28 ta' Settembru 2003 li kellu *container* gej minn New Eastern u li kien gie notifikat bhala agent.

Jghid li dan il-*container* kien in transit. Qal li kien gie mitlub sabiex jaghmel *transhipment* ta' dan il-*container,* cioe' li jibaghtu lis-socjeta' Analog Devices gewwa l-Ingilterra. Qallu wkoll li x-*shippers* kellhom ikunu Calyso Handkrafts Limited. Kien gie infurmat ukoll li kien hemm xi problemi finanzjari bejn il-partijiet u li d-dokumenti kellu jghaddihom mal-vapur.

Mistoqsi jghid x'ghamel in konnessjoni ma' din it-talba, jghid li kien sab lis-socjeta' WJ Parnis England bl-ewwel *available vessel* b'rati vantaggjuzi u irranga maghhom sabiex il-*container* jitlaq minn Malta fid-9 ta' Ottubru 2003. Huwa kien ibbukkja il-*container u* hallas lil WJ Parnis England ghad- dhul u hrug tal- istess *container*. Huwa thallas minghand il-klijent permezz ta' *swift transaction* u dan qabel ma l-*container* telaq minn Malta u kkonferma li l-*container* dejjem baqa' fil-Freeport *in transit*.

Mistoqsi ghaliex huwa kien qal lil WJ Parnis England li x-*shippers* kienet is-socjeta' Calypso Handkrafts Limited, jghid li ghamel skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-klijent. Mistoqsi jekk hasibx li seta' jqarraq dwar l-origini tal-merkanzija b'dak li qalilhom, jghid li le u dan ghaliex ma kienx hemm *customs clearance* u l-*container* baqa' dejjem il-Freeport u l-*container* kien u baqa manifestat *in transit in Malta*.

Mistoqsi jekk jafx xi haga dwar il-*customs entry* u Euro 1 Certifcate li giet prezentata lid-Dwana fit-13 ta' Ottubru 2003 jghid li ma jaf xejn minkejja li kien gja ircieva xi korrispondenza dwarha mid-Dwana. Jghid b'mod kategoriku li la ghamilha hu u lanqas is-socjeta' tieghu. Fil-fatt jghid li f'dik

il-parti tal-formola fejn suppost hemm iddikjarat, ma hemm la il-firma tieghu u lanqas hemm indikat is-socjeta' tieghu. Zied jghid li l-*entries* tad-Dwana kwazi dejjem jiffiramhom hu. Jghid li mhux suppost saret *export entry* la x-xoghol dejjem baqa' *in transit*.

Mistoqsi ghaliex kien ta VAT number hazin lid-Dwana jghid li mhux minnu li ghamel hekk. Mistoqsi min hu Rene' Borg jghid li hu kljient tieghu li jahdem mal-Calypso Hotel u li kien ghamel xi xoghol ghalihom fil-passat. Seta' kien il-kaz li jekk staqsewh ghal Calypso, haseb li qed jirreferu ghal dan il-klijent.

Fit-tieni stqarrija tieghu rilaxxjata nhar it-22 ta' Ottubru 2004 ( Dok JA 15 fol. 45) gie mistoqsi jekk jafx xi haga dwar id-dokument li allegatament ipprezenta James Stewart Venziani. Hu jghid li dwar dan ma jaf xejn salv li Veneziani kien jaghmel xi sieghat mieghu jghinu fix-xoghol. Mistoqsi jekk jistax ikun li Veneziani xtara ghoxrin Euro 1 Certificate ghas-socjeta' tieghu fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru, jghid li seta' kien il-kaz. Pero' jichad li hu jew rapprezentant tieghu ipprezenta xi Euro 1 Certificate lid-Dwana in konnessjoni ma' dan ix-xoghol, ghaliex ma kienx mehtieg.

L-imputat Kevin Attard ghazel li jixhed b'mod volontarju nhar it-2 ta' Lulju 2015 u ghal darb' ohra spjega l-process ta' din il-merkanzija u kif effettivament huwa dahal f'din il-materja. Huwa fil-fatt ghamel referenza ghal diversi dokumenti li jinsabu inseriti fl-atti sabiex jissostanzja dak li qal u fl-ebda hin ma jrrizulta li dak li qal l-imputat Attard ma kienx minnu. In effetti x-xhieda ta' l-istss prosekuzzjoni jikkonfermaw id-dokumenti esebiti

minnu, liema dokumenti inghataw lill-ufficcjal investigattiv *a tempo vergine* ta' l-investigazzjoni.

Il-ko-akkuzat Veneziani wkoll irrilaxxja stqarrija nhar it-22 ta' Ottubru 2004 u kkonferma li kien ghamel xi zmien jahdem mas-socjeta' Customs & Freight u dan bejn Awissu 2003 u Marzu 2004. Qal li mieghu kienu jahdmu l-*employer* tieghu il-ko-akkuzat Kevin Attard u s-Segretarja. Mistoqsi jghid x'jaf fuq is-socjeta' Calypso Handkrafts Limited ta' Hal Far u dwar id-dokumenti li allegatament gew ipprocessati minnu partikolarment l-*entry form* datata 13 ta' Ottubru 2003 u l-invoice datata 29 ta' Settembru 2003, jghid li ma jaf xejn. Bhala procedura jghid li d-dokumenti jigu mghodija lilu mis-segretarja jew mis-Sur Attard. Mistoqsi ta' min hi l-kalligrafija jghid li ma jafx. Mistoqsi lil min kien cempel sabiex igib il-VAT number ta' din il-kumpanija jghid li ma jiftakarx li kien cempel lil xi hadd. Jghid li huwa kien biss *runner* u ghalhekk fuq l- invoice ma jista' jghid xejn. Jichad li l-kalligrafija hija tieghu. Meta xehed fil-Qorti ghaxar snin wara, w appuntu nhar it-22 ta' Gunju 2015, huwa rrepeta dak li kien qal fl-istqarrija tieghu.

L-imputat huwa akkuzat bir-reat kif ravvizat fl-Artikolu 167 u cioe':
*"kull min iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna tga' oggetti, jew jigbor depsitu jew rahan minn ufficjal pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.... u l-artikolu 169 li jitkellem dwar l-uzu tad-dokument falsifikat imsemmi fl-artikolu 167."*

Illi ghalhekk fl-ewwel lok, peress li din il-kawza si tratta fuq applikazzjoni tad-dokumenti li gew prezentati lid-Dipartiment tad-Dwana, il-Qorti sejra titkellem dwar x'inhi d-definizzjoni ta' 'dokument'.

**Manzini** jiddefinixxi l-kelma '*dokument*' fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale** (Vol. VI - pg. 590) bis-segwenti:
"*documento di ogni scrittura fissata sopra un mezzo idonea, dovuto ad un autore determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta' ovvero attestazioni di verita', atte a fondare o suffrogare una pretesa giuidica o a provare un fatto giuridicamente relevante in un rapporto processuale o in altri rapporti giuridici.*"

**Russel on Crime (**pg. 1220), jghid li l-kelma '*dokument* ' tfisser:
"*writing in any form on any material which communicate to some person or persons a human statement, whether fact or fiction.*"

Illi ghalhekk fir-rigward tad-definizzjoni moghtija aktar 'il fuq fir-rigward tat-terminu dokumenti, tali definizzjoni tabbraccja fiha d-dokumenti li allegatament gew prezentati lid-Dwana.

Pero' sabiex jissussisti dan ir-reat hemm bzonn li jigi ppruvat li huma l-imputati li ghamlu tali falsifikazzjoni. Mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ipprovat biss li tali dokumentazzjoni giet prezentata lid-Dwana *sic et simplicite* minn James Stewart Veneziani, pero' fl-ebda hin ma pprovat jew ittentat tipprova li din saret minn Attard. Il-Prosekuzzjoni ghalkemm kienet

taf bic-cahda kategorika tal-imputati dwar l-allegata falsifikazzjoni, fl-ebda hin ma talbet ghal xi ezami kalligrafu.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija minn Attard u anke in vista ta' dak li qal l-Ufficcjal Prosekutur stess li m'ghandux ghalfejn jiddubita li Attard ghaddielu dokumentazzjoni li kienet originali u mhux fabbrikata few falza. Illi l-Prosekuzzjoni stess ma kinitx qed tiddubita mill-genwinita' ta' Attard u ghalhekk wisq inqas din il-Qorti m'ghandha ghalfejn tiddubita fil-komportament ta' Attard f'din it-transazzjoni. L-imputat Attard deher genwin f'dak li qal, ikkollabora mal-Prosekuzzjoni sa fejn seta' u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi u fl-ambitu tad-dokumentazzjoni kollha esebita ma thossx li dawn iz-zewg reati skond l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap. 9, jirrizultaw fil-konfront t'Attard.

Min-naha l-ohra pero' Veneziani jghid li ma jiftakarx li kien hu li pprezenta id-dokumenti d- Dwana (minkejja li kien hemm xhieda li qalu li jiftakru lil Veneziani jipprocessa il-karti) pero' jghid li jekk ipprezentahom hu kienu l-istess dokumenti li gew mghoddija lilu mid-dirigenti tas-socjeta' proprjeta' tal-ko-akkuzat.

Il-Qorti rat li effettivament l-imputat Veneziani gie akkuzat b'zewg reati u cioe' dik ta' falsifikazzjoni ta' dokument u fit-tieni lok talli ghamel uzu minnhom skond l-Artikolu 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-ligi tipprospetta l-awtur tal-falsifikazzjoni fl-Artikolu 167 u fl-Artikolu 169 fejn tipprospetta li dan id-dokument falz jintuza jew mill-awtur jew minn terzi kif f'dan il-kaz seta' gara meta Veneziani ghamel uzu minnhom.

Il-ligi Maltija tindika li l-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokument falsifikat huma zewg offizi separati peress li jistghu jirrizultaw b'mod separat u distint.

Illi jinghad li mhux bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova li l-imputat Veneziani ipprezenta u ghamel uzu minn dan id-dokument li *su due piedi* jidher falz, izda li ghamel hekk intenzjonalment u dan ghaliex ghalkemm seta' kien il-kaz li jirrizulta l- *actus reus* u cioe' l-uzu tad- dokumenti, minn imkien ma jirrizulta il-*mens rea*. Il-ligi hawnhekk tuza il-kelma 'xjentement' u ghalhekk mhux bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova l-prezentata taghhom, izda trid ukoll tipprova li Veneziani xjentement ipprezenta dokuementi meta kien jaf li kienu foloz. Haga li m'ghamlitx lanqas b'mod remot. Ma jirrizulta minn imkien li l-imputat Veneziani ha xi profitt minn tali agir jew gabar xi hlas. Anzi addirittura jidher li tali dokumentazzjoni qatt ma kienet rikjesta ghaliex il-merkanzija dejjem baqghet *in transit* u ghalhekk ma kienx hemm qatt bzonn li ssir *export entry*. Zgur li ma jirrizultax li effettivament kien Veneziani li ghamel din il-falsifikazzjoni fid-dokument JA 8, JA9 u JA 10.

Ghalhekk dawn iz-zewg akkuzi ai termini tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultaw fil-konfront tal-ebda imputat.

L-imputati gew ukoll akkuzati bir-reati kif disposti fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 183 tal-Kap. 9 jiddisponi s-segwenti:

*" kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew f'xi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkellha billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawn l-atti jew skritturi kellhom jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw."*

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan r-reat iridu jissussistu zewg elementi:

1. li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u
2. li tali falsifikazzjoni ssir minn persuna li mhux ufficjal pubbliku.

Rigward it-tifsira ghal dak li jikkostitwixxi atti pubblici, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Rex v Giuseppe Zahra** (***1953***) kif rappurtata fil-Vol. XXXVII, pg. 986. Hekk gie ritenut:

"*Fil-ligi Maltija, l-att pubbliku huwa dak li jigi maghmul jew ricevut bil-formolaritajiet mehtiega minn Nutar jew minn ufficjal pubbliku iehor li jkollu s-setgha li jaghti fidi pubbliku lil att.*"

Din it-tifsira hija in konformita' mar-ragjonament ta' sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** fid-9 ta' Novembru, 1929 li tghid:

" *l'atto pubblico non e' solo l'atto ricevuto con la scritta formalita' da un pubblico ufficciale autorizzato ad attribuire a essa pubblico fede, ma ogni atto che il pubblico funzionario o forma nell'esercizio della sue funzioni e con le forme stabbilite in rappresentanza delle pubbliche amminstrazioni.*"

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx dubju li d-dokumenti JA 8, JA9 u JA 10 huma atti pubblici u li gew ricevuti minn Ufficcjali Pubblici impjegati mal-Gvern u cioe' mid-Dipartiment tad-Dwana, ghalkemmipprezentati minn nies pajzana mhux ufficjali pubblici, pero' zgur li ma jirrizultax li kienu l-imputati odjerni li ghamlu tali allegata falsifkazzjoni.

Illi l-Artikolu 184 addebitat lill-imputati jirraviza sitwazzjoni fejn persuna, f'dan il-kaz l-imputati odjerni, jaghmlu uzu xjentement minn dokument falz imsemmi fl-Artikolu 183. Illi bir-rispett kollu l-Qorti hija tal-fehma, wara li ghamlet apprezzament tal-provi, li fl-ewwel lok ma hemm l-ebda prova li Kevin Attard ghamel uzu minn tali dokumentazzjoni esebita, u cioe' id-dokumenti JA 8, JA9 u JA 10 u filwaqt li jista' jaghti l-kaz li James Stewart Veneziani pprezenta tali dokumentazzjoni lid-Dwana, zgur li ma jirrizultax li

kien konsapevoli tal-falsita ta' dawn id-dokumenti u ghalhekk zgur li ma agixxiex xjentement.

Illi l-imputati gew akkuzati wkoll talli ghamlu dikjarazzjoni falza f'dettall sostanzjali bil-ko-operazzjoni ta' xulxin u li b'mod intenzjonaliipprezentaw tali dokumentazzjoni lid-Dwana. Illi f'dan il-kaz ukoll l-akkuza ma tirrizultax u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li effettivament l-imputat Attard ipprezenta xi dokument jew addirittura iffabbrika jew ifformula xi dokument falz u dan ghaliex id-dokumenti li ghamel u li gew mghoddija lill-Ispettur Investigattiv kienu kolha veritieri, kif stqarr l-istess Spettur, filwaqt li jista' jirrizulta li effettivament l-imputat Veneziani ipprezenta xi dokument falz, zgur li ma jirrizultax li agixxa b'mod xjenti kif rikjest mil-Ligi

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **Artikoli 167, 169, 183, 184 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati KEVIN ATTARD u JAMES STEWART VENEZIANI hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u tilliberahom minn kull imputazzjoni u piena.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, ma jidhirx li hemm xi oggetti li gew esebiti u ghalhekk tastjeni millli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tordna li l-imputati jhallsu l-ispejjez tal-periti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hawnhekk ukoll dinil-Qorti tastjeni milli tiehu**

**konjizzjoni ta' tali talba stante li ma kien hemm l-ebda perit li gie hekk nominat.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex terz tal-piena ta' flus jitqies bhala dejn civili u jtihallas lill-Gvern, jinghad li fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda akkuza jew talba li saret f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u ghalhekk tali talba ma setghet issir qatt, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni wkoll ta' tali talba.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**